TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 24

It Tlieta, 22 ta' Gunju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Anthony Camilleri, Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 23 li saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju, 2021, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Il-Bring-in sites madwar il-lokalita`***. Is-Sindku qal li malli tnehhiet il-Bring in Site ta' Triq Pietru Xuereb, kien hemm improvement kbir fl-area u ma baqax ikun hemm abbuz fir-rimi tal-iskart. Kulhadd kien tal-istess fehma.

## 4 ASSISTENZA SABIEX JITWAQQAF CLUB TAR-REGATTA F'TAL-PIETA`

*4.1* Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru VIII/24-1 (Appendici A) mressqa mill-Kunsillier Mark Pisani sabiex tinghata assistenza mill-Kunsill Lokali sabiex jitwaqqaf club tar-regatta f'Tal-Pieta`. Il-Kunsillier Pisani qal li l-aktar ghajnuna mehtiega hija sabiex jinstab post fejn jinzammu d-dghajjes.

*4.2* Is-Sindku qal li filwaqt li jaqbel ma tali inizjattiva, l-ewwel ghandu jigi ffurmat kumitat minn min hu interessat f'dan l-isport sabiex il-Kunsill ikun jaf ma' min qed jitkellem b'mod ufficjali. Wara, l-Kunsill ikun jista' jghin f'dan ir-rigward.

*4.3* Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni – *Rizoluzzjoni nru VIII/24-1.*

## 5 INTRODUZZJONI TAL-KUNCETT CARE FOR YOUR TREE F'TAL-PIETA`

*5.1* Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru VIII/24-2 (Appendici B) mressqa mill-Kunsillier Mark Pisani sabiex jigi introdott il-kuncett ta' Care for your Tree f'Tal-Pieta`. Il-Kunsillier Pisani qal li kif spjegat fil-mozzjoni, il-hsieb huwa sabiex jitqajjem *awareness* dwar l-ambjent fost it-tfal.

*5.2* Is-Sindku qal li filwaqt li jaqbel ma' din il-mozzjoni issugerixxa li l-Vici Sindku tassisti lill-Kunsillier Pisani sabiex jigu identifikati fejn se jitpoggew dawn is-sigar. Il-postijiet maghzula ghandhom jitressqu biex ikun hemm qbil dwarhom minn kulhadd.

*5.3* Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni – *Rizoluzzjoni nru VIII/24-2.*

## 6 KORRISPONDENZA

*6.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm zvilupp dwar il-kiosk ta' Sa Maison. Is-Sindku wiegeb li ricentament kien hemm tentattiv sabiex dan jerga' jopera izda ghad hemm diskussjonijiet ghaddejjin bejn il-partijiet koncernati.

## 8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*8.1* Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

## 9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*9.1* Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 23. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 10. TMIEM

*10.1* Fl-4.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 27 ta' Lulju, 2021, fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku

Zoya Attard
Vici Sindku.

Mozzjoni Nru. VIII/24 - 1

**Mozzjoni biex tinghata l-assistenza mehtiega sabiex jitwaqqaf club tar-Regatta f'Tal-Pieta`.**

Matul dan l-ahhar zmien gejt avvicinat minn diversi dilettanti tal-qdif tad-dghajjes dwar il-possibilta` li f'Tal-Pieta` jigi mwaqqaf club ghal dan il-ghan.

Billi il-Kunsill Lokali ghandu jkun entita` li tixpruna sabiex tali ideat u progetti jigu realizzati;

U billi b'dan il-mod, il-Kunsill Lokali ikun qieghed jghin sabiex jintroduci dixxiplina sportiva ohra fil-lokalita`,

U billi permezz tal-isports, il-Kunsill Lokali ikun qieghed jghin ghal stil ta' hajja ahjar u jghin zghazagh jaghzlu triqat li jghinhom f'hajjithom;

Il-Kunsill Lokali Tal-Pieta jirrisolvi li:

Jara mal-awtoritajiet kompetenti, jekk hawnx post f'Tal-Pieta` jew fil-madwar sabiex jintuza fejn jitqieghdu dawn id-dghajjes,

Jirrisolvi wkoll li fejn jista' jghin sabiex jitwaqqaf dan il-club ghal din id-dixxiplina sportiva,

*Illum it-Tlieta, 15 ta' Gunju, 2021*

Proponent:Mark Pisani

Kunsillier

Sekondant: Josef Fitzpatrick

Kunsillier

Mozzjoni Nru. VIII/24-2

**Mozzjoni biex jigi ntrodott il-kuncett ta' Care for Your Tree f'Tal-Pieta`.**

Matul dan l-ahhar snin rajna u ghadna qed naraw zvilupp kontinwu fl-industrija tal-kostruzzjoni, zvilupp li ftit jew wisq qiegħed johnoq l-ambjent naturali f'Tal-Pieta`;

Billi l-ispazji miftuha huma limitati hafna fil-lokal u ghalhekk m'hemmx fejn wiehed izid areas fejn jizdiedu pjanti u sigar li huma tant importanti fl-ambjent taghna,

Il-Kunsill Lokali Tal-Pieta jirrisolvi li:

Jara li permezz tad-Development Planning Fund tal-Planning Authority jingiebu l-fondi mehtiega sabiex jithawlu sigar go pots kbar f'inhawi diversi tal-lokal;

Jirrisolvi wkoll li dawn is-sigar jiehdu hsibhom tfal li huma mil-lokal stess u dan sabiex jikber is-sens civiku fit-tfal tal-lokal u fl-istess hin ikun hemm xi hadd responsabbli minn dawn l-istess s-sigar;

Kulmin ikun interessat ghandu japplika mal-Kunsill sabiex jiehu hsieb sigra minn dawn skond linji gwida li jinghataw lilu mill-Kunsill Lokali.

B'hekk mhux biss ikun qed jissebbah l-ambjent tal-lokal izda wkoll tikber l-*awareness* fost it-tfal lejn l-ambjent b'mod partikolari is-sigar u l-pjanti.

*Illum it-Tlieta, 15 ta' Gunju, 2021*

Proponent:Mark Pisani

Kunsillier

Sekondant: Josef Fitzpatrick

Kunsillier